# TRIBUNAL GĦAL TALBIET ŻGĦAR

ĠUDIKATUR
**AVV. DR. ILONA SCHEMBRI**
**LL.B., LL.D., LL.M. (Lond.), Ph.D. (Birm.)**

**Udjenza tat-8 ta' April 2024**

**Talba nru. 35/2023 IS**

**ANTHONY GHIO (I.D. 639348 (M))**

***VERSUS***

**SANDIP ROY CHOWDHURY (NUMRU TAL-KARTA TAR-RESIDENZA 0287412 (A))**

**IT-TRIBUNAL,**

Ra illi b'Avviż tat-Talba ippreżentat fl-24 ta' Jannar 2023 (a fol. 1 et seq), l-attur talab l-ammont ta´ elfejn u disa' mija u erbgħin Ewro (Eur 2,940.00) rappreżentanti servizzi magħmula mill-attur lill-konvenut.

Ra d-digriet ta' dan it-Tribunal tat-22 ta' Ġunju 2023 fejn l-attur ġie awtorizzat jipproċedi bin-notifika tal-konvenut (a fol. 4).

Ra illi l-konvenut ġie debitament notifikat fit-12 ta' Lulju 2023 (a fol. 9).

Ra illi l-konvenut ma ppreżenta ebda risposta u/jew kontro-talba u anqas deher għas-seduta wara li ġie innotifikata b'dan illi waqa' fi stat ta' kontumaċja.

Ra illi l-attur ippreżenta il-kapitoli fil-konfront tal-konvenut (a fol. 15).

Ra illi saret seduta oħra fil-11 ta' Diċembru 2023 għas-subizzjoni tal-konvenut b'dan illi l-konvenut għal darb'oħra naqas milli jidher (a fol. 35).

Ra l-atti proċesswali.

Ra illi din il-kawża tħalliet għas-sentenza.

Ikkunsidra

Mill-provi u xhieda prodotti jidher ċar x´kienet ir-relazzjoni bejn l-attur u l-konvenut. Jidher fatt mhux kontestat illi l-konvenut ingaġġa lill-attur sabiex ikun jista' jaħdimlu fuq id-dokumenti neċessarji sabiex il-konvenut ikun jista' jiġi hawn Malta fuq xogħol.

Dan it-Tribunal innota illi l-konvenut kien notifikat iżda l-konvenut ma ressaq ebda risposta u/jew kontro-talba f'dan il-każ u anqas deher għas-seduta li kien imiss wara li kien hekk innotifikat.

Il-Kontumaċja tal-Konvenut

Hekk kif għadu ġie rrimarkat hawn fuq, jidher mill-proċess illi l-konvenut ma ressaq ebda risposta u/jew kontro-talba u anqas deher għas-seduta li kien imiss wara li kien hekk innotifikat b´dan illi jwassal illi l-konvenut hu fi stat ta´ kontumaċja.

It-Tribunal josserva illi l-kontumaċja waħedha ma titqiesx bħala ammissjoni tat-talba tal-attur da parti l-konvenut iżda kontestazzjoni ta' l-istess. Għalkemm il-konvenut baqa' kontumaċi, dan ma jfissirx li hu abbanduna kull eċċezzjoni li seta' jagħmel fil-kawża u ammetta d-domandi. F'każ ta' kontumaċja jibqa' l-oneru fuq l-attur li jressaq provi sal-grad ta' probabbilità u li jressaq l-aħjar prova. Il-ġudikant għandu jeżamina jekk it-talba hijiex ġustifikata independentement mill-kontumaċja tal-konvenut (ara ***Fenici Insurance Agency Limited noe vs. Paul Stoner et*** deċiża mill-Qorti tal-Appell [Inferjuri] fit-22 ta' Novembru 2002). L-istess intqal fis-sentenza ***Blye Engineering Co. Ltd vs. Philip Borg Bellanti et*** deċiża mill-Qorti tal-Appell (sede Inferjuri) fit- 22 ta' Ġunju 2005:

> "*huwa wkoll principju ben stabbilit illi ghalkemm il-konvenut jibqa' kontumaci dan ma kellux jinftiehem bhala li hu abbanduna kull eccezzjoni li seta' jaghti fil-kawza u ammetta d-domanda. Sta ghall-gudikant li jezamina jekk it-talba hix gustifikata, indipendentement mill-kontumacja tal-konvenut*. Vide Kollez. Vol. XXIX P III p 35"

Inoltre´, fis-sentenza fl-ismijiet ***Joseph Edmond sive Jesmond Meilaq vs. Brian Mizzi et noe***, deċiża mill-Qorti tal-Appell (sede Superjuri) fis-27 ta' Marzu 1996 ingħad:

> *"Illi fl-ahharnett irid jinghad illi skond il-gurisprudenza tal-Qrati taghna, il-konvenut li jibqa' kontumaci, bhal kaz odjern, ma jitqiesx li ammetta ttalba ta' l-attur, izda jitqies li jkun irrimetta ruhu ghall-gudizzju tal-Qorti. Dana ma jfissirx pero' li l-Qorti tista' tqajjem hija stess ex officio kwalunkwe eccezzjoni li l-konvenut seta' jqajjem kieku kkontesta l-kawza billi kif gie ritenut fis-sentenza ta' l-Onorabbli Qorti ta' l-Appell in re Hammet vs Genovese moghtija fil-31 ta' Jannar 1991:*
>
> *"Il-Qorti m'ghandhiex tissolleva eccezzjoniiet li mhiex awtorizzata espressament mill-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili jew minn konsiderazzjonijiet ta' ordni Pubblika. Ghaliex altrimenti tinholoq sitwazzjoni fejn il-Qorti tiddeciedi fuq eccezzjoni taghha stess haga li mhix rakkomandabbli billi tinvolvi vjolazzjoni ta' principju kardinali tas-smiegh xieraq tal-kawza;""*

L-istitut tal-kontumaċja hu intiż biss sabiex iražżan l-atteġġjament tal-kontumaċja u disprezz da parti ta' min ġie ċitat biex jersaq quddiem l-Onorabbli Qorti jew Tribunal (ara **Kummissarju tal-Artijiet vs. John Curmi** deċiża mill-Prim' Awla fil-31 ta' Jannar 2003).

<u>L-Azzjoni tal-Attur</u>

L-attur ippreżenta affidavit (a fol. 18 sa 20), il-proċedura tal-pagamenti li talab mingħand il-konvenut (a fol. 21), kopja tal-ammont li ħallas il-konvenut lill-attur (a fol. 23), dikjarazzjoni iffirmata mill-konvenut (a fol. 26) u anke spjegazzjoni tal ispejjeż inkorsi mill-attur fil-konfront tal-konvenut (a fol. 27), fost oħrajn.

Fir-rigward tal-pagament tal-*work permit*, hu ċar mill-kopja tal-irċevuta mibgħuta mill-Identita' illi l-ammont globali hu ta' mitejn u tmenin Ewro u ħamsin ċenteżmi tal-Ewro (Eur 280.50) liema kopja tinsab a fol. 22 u mill-kopja tal-irċevuta li tinsab a fol. 23 jidher illi l-konvenut ivversa l-ammont ta' mitejn u għaxar Ewro (Eur 210) lill-attur, b'dan illi l-konvenut baqagħlu jħallas lill-attur l-ammont ta' sebgħin Ewro u ħamsin ċenteżmi tal-Ewro (Eur 70.50) b'dan illi l-attur pero' qed jitlob l-ammont ta' sebgħin Ewro (Eur 70) skond l-ispjegazzjoni tal ispejjeż inkorsi mill-attur fil-konfront tal-konvenut li tinsab a fol. 27.

Fir-rigward tal-ispejjeż tan-Nutar u DHL, hu ċar illi l-attur kien spjega lill-konvenut kemm ikun dan l-ammont u dan skond il-proċedura tal-pagamenti illi l-attur ta lill-konvenut, u li tinsab a fol. 21. L-attur ukoll ippreżenta kopja tal-*approval in principle letter* maħruġa mill-Identita' u li tinsab a fol. 34 u anke kopja tal-irċevuta tad-DHL li tinsab a fol. 32 b'dan illi jidher ċar illi l-konvenut hu dovut lill-attur l-ammont ta' mija u għoxrin Ewro (Eur 120) ġjaladarba l-attur wettaq xogħlu f'dan ir-rigward.

Fir-rigward tal-kirja tal-fond fejn kien ser jirrisjedi l-konvenut meta jasal Malta, skond il-proċedura tal-pagamenti illi l-attur talab lill-konvenut u liema kopja tinsab a fol. 21, informa lill-konvenut bl-ammont ta' sitt mitt Ewro (Eur 600) bħala depożitu tal-kirja tal-post u xahrejn kirja bil-quddiem. L-attur ipprovda kopja tar-*rental declaration form* li tinsab a fol. 24 iżda tali formula ma tindikax l-ammont tal-kirja kemm kellu jkun u b'dan illi għaldaqstant, l-ammont illi l-attur qed jitlob skond l-ispjegazzjoni tal ispejjeż inkorsi mill-attur fil-konfront tal-konvenut li tinsab a fol. 27 u liema hu ta' seba' mija u ħamsin Ewro (Eur 750) għandu jiġi mnaqqas għal sitt mitt Ewro (Eur 600).

Fir-rigward tal-ħlas dovut tas-servizzi magħmula mill-attur lill-konvenut, l-attur ipprovda il-proċedura tal-pagamenti illi l-attur talab lill-konvenut u liema tinsab a fol. 21, u l-ammont ta' elfejn Ewro (Eur 2000) hu indikat b'mod ċar. L-istess ammont reġa' kien indikat skond l-ispjegazzjoni tal ispejjeż inkorsi mill-attur fil-konfront tal-konvenut, u liema kopja tinsab a fol. 27. Inoltre', il-proċedura kollha indikata fil-proċedura tal-pagamenti illi l-attur talab lill-konvenut u liema tinsab a fol. 21 jidher mid-dokumentazzjoni ippreżentata mill-attur illi l-attur wettaq il-proċedura fl-intier tagħha.

<u>**B'dan illi għaldaqstant, il-konvenut hu obbligat illi jħallas lill-attur is-somma ta' elfejn u seba' mija u disgħin Ewro (Eur 2,790.00).**</u>

Fir-rigward ta' dan l-ammont dovut mill-konvenut lill-attur, l-attur qiegħed jitlob l-imgħax. F'dan ir-rigward, it-Tribunal jagħmel referenza għall-artikolu 1141 tal-Kodiċi Ċivili, Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta. F'dan il-każ, jidher illi tali obbligazzjoni ma hix ta' natura kummerċjali skond il-Kodiċi tal-Kummerċ, Kap. 13 tal-Liġijiet ta' Malta. B'dan illi għaldaqstant, għandu japplika is-sub-artikolu 2 tal-Artikolu 1141 hawn imsemmi. Għaldaqstant, tali imgħax għandu jibda jiddekorri minn dak in-nhar illi ssir sejħa għall-ħlas b' att ġudizzjarju. S.L. 12.12 jagħti definizzjoni ta´ att ġudizzjarju b´dan illi tipprovdi illi "*att ġudizzjarju tfisser kull att jew skrittura preżentata fir reġistru, jew li toħroġ minn, xi Qorti, Tribunal jew Bord f'Malta, u kull att jew skrittura preżentata, jew li toħroġ minn, xi Qorti,Tribunal jew Bord barra minn Malta, li tista', bis-saħħa ta' xi liġi jew trattat, tiġi notifikata lil xi persuna f'Malta, ida ma tinkludix il-mandati u l-ordnijiet imsemmija fit-Titolu VII tat-Tieni Ktieb u fit-Titolu VI tat-Tielet Ktieb tal-Kodiċi*." Għal kull buon fini, dan it-Tribunal jiċċara illi filwaqt illi huwa minnu illi liġi sussidjarja trid tkun interpretata fl-ambitu tal-Att ewlieni illi taħtu tkun saret il-liġi sussidjarja, kemm il-Kap. 12 kif ukoll l-Kap. 16 jirregolaw ic-ċivil, fejn il-Kap. 12 jitkellem fuq il-proċedura u l-Kap. 16 jitkellem fuq is-sustanza, b´dan illi t-tnejn li huma wkoll jitkellmu fuq l-istess prinċipju; il-preskrizzjoni b´dan illi l-liġi sussidjarja 12.12 tista´ tkun applikata f´termini ta´ definizzjonijiet għall-Kodiċi Ċivili. B'dan illi f'dan il-każ l-attur ma bagħat ebda skrittura fir-reġistru u b'dan illi għaldaqstant, l-imgħax għandu jibda jiddekorri mid-data ta' din is-sentenza. B'dan ukoll illi l-imgħax ta' tmienja fil-mija (8%) ikun applikabbli. L-imgħax ta' tmienja fil-mija (8%) hu dak l-ammont ipprovdut fil-Kodiċi Ċivili illi għandu japplika, sakemm il-partijiet ma jiftiehmux fuq ammonti inqas jew sakemm ma tkunx applikabbli il-leġiżlazzjoni sussidjarja 16.06, u liema żewġ eċċezzjonijiet ma japplikawx f'dan il-każ.

**Decide**

Għaldaqstant, dan it-Tribunal jaqta´ u jiddeċiedi billi jilqa' t-talba tal-attur għall-ammont ta´ elfejn u seba' mija u disgħin Ewro (Eur 2,790.00) rappreżentanti servizzi mill-attur lill-konvenut fuq talba tal-konvenut u bl-imgħax ta' tmienja fil-mija (8%) mid-data ta' din is-sentenza sad-data tal-pagament effettiv.

L-ispejjeż ġudizzjarji marbuta ma´ dawn il-proċeduri huma kollha a kariku tal-konvenut.

**Avv. Ilona Schembri**
Ġudikatur